# L-ISKEJJEL TAL-GVERN

## It-Tagħlim f'Malta

Minn Gużè Gatt

(*Ara għadd 72 paġ. 9*)

II

### L-ISKOLA TAL-GVERN FL-IMDINA

*Mill-bidu ta' l-Ordni f'Malta sal-miġja ta' Mons. Duzzina u l-qagħda tiegħu fostna.* (*1530-1575*)

Meta fl-1530 Malta għaddiet għal taħt il-Ħakma ta' l-Ordni Ġerosolmitan, l-Università ta' l-Imdina baqgħet issaltan ukoll. Iżda, jekk l-Università ta' żmien l-Araguniżi f'bosta ħwejjeġ kellha rajha f'idejha, mal-miġja tal-Kavalieri hawn, din tilfet ħafna mis-setgħat li kellha qabel, billi dawn waqgħu taħt il-Gvern Gerosolmitan.

Fi żmien l-Araguniżi, kull ma l-Università kienet tagħmel bis-saħħa tal-Kunsill Popolari, kien ikun kollox sewwa, sa hemm ma jimtessx u ma jsirx indħil fis-setgħat li kellu r-Re fil-Gżira; iżda fi żmien l-Ordni, kull ma bdiet taqta' li tagħmel, kien marbut mar-rieda tal-Gran Mastri. Għalhekk, dak li kien igħaddi mill-Kunsill Popolari, jew dak li kienet tkun trid tagħmel l-Università, biex dan ikollu saħħa, kien irid igħaddi u jitwettaq mill-Gvern ta' l-Ordni wkoll.

L-Università fi żmien l-Ordni, tista' tgħid, ma kienet tagħmel xejn minn rajha dwar it-treġija u t-tmexxija ta' l-Iskola tagħha. Għalhekk, is-Surmast beda jaħtru l-Gran Mastru. Biss, dan kien jagħmlu wara li jisma' l-fehma tal-Ġurati dwar dak li jkun irid jilħaq Surmast fl-Iskola ta' l-Imdina. Ukoll meta l-Università kienet tiġi biex iżżid fil-ħlas lis-Surmast tagħha, qabel tagħmel dan, kienet tistaqsi lill-Gran Mastru ħalli tara jekk dina ż-żieda kienx iridha ssir, inkella lè.

L-ewwel isem ta' Surmast ta' l-Iskola tal-Gvern fl-Imdina li ġie f'idejna, wara li Malta bdiet tkun maħkuma mill-Ordni, kien ta' Patri Piet Callus. U l-ewwel ħlas tiegħu li ltqajna miegħu, kien dak li tawh fis-26 ta' Awissu 1535. Ħa uqitejn u 20 rbigħi. Dawn kienu bi ħlas ta' tmien xhur li għamel bħala Surmast ta' l-Iskola.

Mill-flus li ħa Patri Callus jnieħdu li l-ħlas għas-Surmast a' l-Iskola kien sar ta' erbat ewwieq fis-sena. Daqshekk eħor ukoll kienet tagħtih il-Kattidral, talli f'dina l-Iskola

kien igħallmilha l-Kjeriċi tagħha. Mela, b'kollox, is-Surmast ta' l-Iskola ta' l-Imdina kellu tmint ewwieq fis-sena.

Fl-Ewwel Taqsima ta' dina l-kitba konna għedna li, fl-1467, il-Kunsill Popolari qata', biex il-ħlas għas-Surmast ta' l-Iskola tal-Gvern kellu jibda jkun ta' tlitt ewwieq fis-sena. Iżda, milli semmejna hawn fuq jidher ukoll, li, maż-żmien, l-Università żiedet dana l-ħlas b'uqija oħra, billi, minn tlieta li kienu, għamlitu erbat ewwieq fis-sena.

Patri Callus dam sa l-1536 bħala Surmast fl-Iskola tal-Gvern fl-Imdina. Telaq minn dana x-xogħol għax laħaq Kantur tal-Kattidral. Surmast floku sar Patri Ġann Bugeja.

Li patri jilħaq Kantur tal-Kattidral, x'aktarx li l-lum tidher b'ħaġa kbira. Iżda hekk sibna aħna miġjub f'kitba ta' dik il-ħabta li ġiet f'idejna. Biss, il-patrijiet li semmejna ma sibniex ta' liema Ordni kienu. Tgħid dawn neżgħu minn patrijiet u saru qassisin, għalkemm baqgħu jissejħu *Frati?*

Mons. Mifsud igħid, fl-"Archivum Melitense", li fis-17 ta' Settembru 1537 iltaqa' l-Kunsill Popolari, u nqata' li jitwaqqaf Kulleġġ għat-tfal. F'din il-laqgħa li saret, ħadu wkoll sehem il-Vigarju ta' l-Iskof u s-Surmastru tal-Kapitlu ta' l-Imdina (il-Kantur Patri Piet Callus?).

Biex il-Kunsill Popolari jħajjar jiġu hawn Surmastrijiet minn Sqallija, ħalli jgħallmu lit-tfal żgħar, liż-żgħażagħ u lill-kbar, sew jekk ikunu mill-Imdina, kemm ukoll minn bnadi oħra tal-Gżira, wiegħed ħlas li, għal dak iż-żmien, kien tajjeb ħafna. Dan il-ħlas kien ta' 20 uqija fis-sena u kera b'xejn; barra minn xi nfiq ieħor li jkun jinħtieġ, kollox jagħmlu tajjeb għalih l-Università u l-Kattidral. Iżda, biex il-Kattidral qagħdet li toħroġ sehem minn dawn il-flus li semmejna, riedet li erbatax mill-aktar fqar fost il-kjeriċi tagħha jkunu meħlusin mill-ħlas ta' kull xahar.

Din il-biċċa tas-Surmastrijiet barranin sibna li ma għaddietx il quddiem. X'kienet il-ħtija li ma rnexxietx ma ġiex f'idejna. Biss nafu li Surmast ta' l-Iskola tal-Gvern fl-Imdina baqa' Patri Ġann Bugeja. Ukoll wara dan, is-Surmastrijiet baqgħu jsiru dejjem Maltin, barra minn xi wieħed barrani li nzerta kien joqgħod f'Malta.

Wara Bugeja, fl-1540, insibu b'Surmast lil wieħed qassis li kien jismu Dun Indri Axiak. Fiż-żmien li dana kien Surmast ma' l-Università, lill-Knisja tagħna nqalgħalha għawġ kbir li nikkitha ħafna. Dana l-hemm tagħha kien għax rat li xi wħud minn uliedha ntmessu mit-tagħlim qarrieqi ta' Martin Luteru. Il-ħtija ta' dan kien wieħed barrani, franċiż, jismu Ċikku Giżwaldu. Dan kien joqgħod l-Imdina, fejn hemm ukoll waqqaf Skola tal-Grammatka. U bis-saħħa ta' din l-Iskola tiegħu, kif ukoll bil-laqgħat ta' bilmoħbi li kien iżomm f'daru, beda jxerred tagħlim li ma jaqbel

xejn ma' dak li tgħallimna l-Knisja. F'din il-biċċa kien megħjun ħafna wkoll minn Dun Indri Axiak, is-Sursmat ta' l-Iskola ta' l-Università.

Ġiżwaldu kien mogħmi hekk bl-ikrah b'dan it-tagħlim qarrieqi, li fil-ġlekk tiegħu kien iġib saħansitra l-postilla ta' Martin Luteru.

Il-laqgħat li Ġiżwaldu kien jagħmel f'daru, għoġbu jagħtihom l-isem ta': *Confraterie dei buoni cristiani*. F'dawn il-laqgħat ma kienx isir ħaġa oħra, ħlief qari ta' kotba ta' Luteru u taħdit dwar kemm fih għeltijiet id-Din tagħna.

Bit-tagħlim qarrieqi tiegħu, Ġiżwaldu għamel ħsara kbira wisq fil-Merħla ta' Kristu. Iż-żerriegħa ħażina tiegħu kienet rabbiet l-egħruq sewwa, u, sa kemm ġie biex jispiċċa n-nisel tagħha, damet tisreġ fi Gżiritna għal bosta snin. Fost bosta ħwejjeġ oħra, Ġiżwaldu kien ixerred ukoll li l-qassisin kienu jistgħu jiżżewġu.

Għal-laqgħat ta' Ġiżwaldu kienu jmorru nies sewwa u mdaħħlin fiż-żmien, fosthom ukoll xi patrijiet u qassisin. Bosta kienu dawk li tħabblu fix-xibka tiegħu u qalbu għal miegħu. Dawk li daħlu fin-nasba ta' Giżwaldu u saru Luterani, kienu l-ewlenin nies kbar tal-Gżira u dawk li l-aktar kellhom tagħlim.

L-għamla ta' nies li ġġarrfu fl-għama tal-għeltijiet li semmejna, turina kemm hi ħajna l-ġlieda ta' dawk li, il-lum, iridu jinqdew bir-Reliġjon biex ifixklu u jxejnu t-tagħlim ta' dak l-Ilsien sabiħ li rdajna ma' ħalib ommna. Irridu ngħidu għal dawk li, biex joħonqu t-tagħlim tal-Malti, qegħdin ixerrdu li dan l-Ilsien għad jisfa ta' ħsara għad-Din tagħna. Iżda dawk li qalbu u saru luterani, ma għamlux dan għax tgħallmu l-Malti. Dak iż-żmien ma kenux jgħallmu bil-Malti. Mhux dan biss, ma dana l-Ilsien kien hekk minsi għal kollox, li l-ebda ktieb bil-Malti ma kien hawn. Mur ara li kieku dik il-ħabta kienu jgħallmu l-Malti bħal-lum, kemm kienu jinqdew b'dina l-ħaġa biex ixxerrdu u jxandru li dana l-Ilsien kien il-ħtija ta' kullma ġara ! Iżda f'dil-biċċa ma kienu jagħmlu xejn, għax il-Ġrajja malajr kienet tikxfilhom il-qerq tal-għawi tagħhom u turihom xinhuma fid-dawl tas-sewwa. Il-ġrajja tgħid u—li tgħid jinftiehem tajjeb—li *i principali dell'Isola ed i più colti diventarono Luterani*. Issa, l-egħdewwa ta' l-Ilsien Malti dejjem iħambqu u jxandru, ma' l-erbat irjieħ, li l-kultura ta' Malta ilha Taljana sa minn xħin dana l-Ilsien twieled fl-Italja. Mela, la darba l-kultura ta' Malta kienet dejjem Taljana, *i più colti* ta' dak iż-żmien li saru Luterani, kienu dawk li tgħallmu l-Latin jew it-Taljan. U dan juri, li ma jinħtieġx li wieħed jitgħallem bil-Malti biex jibdel id-Din tiegħu, iżda jkun jaf b'liema lsien ikun, kulħadd jista' jaqa' fl-għeltijiet xorta waħda.

L-egħdewwa tal-Malti jafu wkoll li dil-biċċa ta' l-ilsna li semmejna, hi aktar milli minnha, iżda huma jinqdew biha, billi jaħsbu li għad fadal il-boloħ li jemmnuhom. Terġa', barra milli dawn ma jridux it-tagħlim bil-Malti, iridu li n-nies titgħallem it-Taljan. U biex jirnexxilhom li jaslu fil-ħsieb tagħhom, ixandru li l-ilsien Taljan biss jista' jorbotna ma' Ruma u jaqdina bħala sur li jħarisna mill-għeltijiet ta' l-oħrajn. Iżda, nkunu qegħdin tajjeb tassew, li kieku l-ilsien Taljan iħarisna mill-egħdewwa tad-Din tagħna, daqs kemm ħares lil ħutna Maltin li 'l fuq semmejna!

Fiż-żmien li *i più colti* tal-Gżira saru Luterani, il-Knisja ta' Malta kienet imreġija mill-Isqof Duminku Cubelles. Dana malli ntebaħ li l-Merħla tiegħu tniġġżet, ħa ħsieb malajr biex jara jilqax għal dina l-ħsara. Cubelles, bis-setgħa li kellu, sejjaħ u ressaq quddiemu lil dawk li kienu mtiesfa mit-tagħlim ta' Luteru. Ma' Ċikku Ġiżwaldu, insibu msemmi wkoll lil Matti Falzon, Kaptan tal-Virġa, lil ibnu, jismu Matti wkoll (1), lid-Duttur Pietru Cumbo, lil Dun Indri Axiak, is-surmast ta' l-Iskola ta' l-Università, u lil bosta oħrajn.

(1) Dana Matti Falzon, it-tifel tal-Kaptan tal-Virga, huwa dak li dwaru xi kittieba sawru ħafna ħrejjef, u b'hekk niżel sa fi żmienna magħruf bħala "Is-Saħħar Falzun."

(Jissokta)